MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2013

Numru. 995/2002

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR PAUL BOND**
**SPETTUR CARMELO MAGRI**

**KONTRA**

**LUDVIG BUGEJA, iben Angelo u Yvonne nee' Camilleri, imwieled Tal-Pieta' nhar il-5 ta' Frar, 1976, residenti fil-fond numru 18, Triq l-Iljun, Bormla, detentur tal-karta tal-identita' numru 113276M;**
**U ANTHONY SPITERI, iben Carmelo u Rose nee' Delia, imwieled tal-Pieta' nhar it-22 ta' Jannar, 1977, residenti fil-fond Providenza Flats, 2, Triq iz-Znejn l-Abjad, Marsascala, detentur tal-karta tal-identita' numru 88677M;**
**OMISSIS**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmija **Ludvig Bugeja** u **Anthony Spiteri** li gew akkuzati talli:

1. Nhar l-14 ta' Ottubru, 2002, f'xi hin wara nofsinhar, mill-hanut bl-isem Mithna Bar & Restaurant, sitwat fi Triq il-Kbira, Mellieha, ikkommettew serq ta' somma flus kontanti, stereo tal-marka JVC midi-system, kif ukoll xorb alkoholiku ghad-dannu ta' Alexander Vella mill-Mellieha, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, u bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu tal-istess Alexander Vella, liema hsara tammonta ghal izjed minn hamsin lira Maltin (Lm50.00) izda ma tiskorrix il-hames mitt lira Maltin (Lm500.00);

3. **Ludvig Bugeja wahdu** talli kiser il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 5 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta, li gew imposti fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), u cioe' mill-Magistrat Dr T Micallef Trigona LL.D., datata 16 ta' Mejju, 2001;

4. **U aktar talli Anthony Spiteri wahdu** talli kiser il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 5 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta, li gew imposti fuqu b'sentenza mill-Qorti tal-Appell datata 19 ta' Ottubru, 2001;

5. U finalment talli **Ludvig Bugeja u Anthony Spiteri f'daqqa** saru recidivi ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-imputati wiegbu li ma kinux hatja tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront taghhom.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali ghal proceduri sommarji, kif ukoll in-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputati ghall-istess.

Ikkunsidrat:

Illi fil-mori ta' dawn il-proceduri, jirrizulta li d-Difiza talbet il-prolazzjoni tas-sospensjoni tas-sentenza biex ittella' fil-konfront taz-zewg imputati xhieda li juru l-progress li ghamlu f'hajjithom dawn iz-zewg imputati li, bla tlaqlieq, huma t-tnejn habtu kushom kemm-il darba mal-Ligi (ara fedina penali taghhom).

Illi fil-fatt il-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, kif jinkombi fuqha, kienu ghal kollox skarsi, tant illi ma ngabu ebda provi ta' impronti komparattivi jew ix-xhieda tal-persuna li harget b'lembuma ghaz-zewg imputati – kif del resto jghidu huma stess fl-istqarrija minnhom rilaxxata. Illi fil-fatt hija biss tali stqarrija li taghmel prova kontra z-zewg imputati fil-konfront taghhom infushom. Iz-zewg imputati fl-istqarrija rilaxxata minnhom ammettew l-involviment taghhom fir-reati addebitati. Issa, a skorta ta' diversi sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali taghna, l-istqarrija wahidha, mehuda bla dritt ta' assistenza legali, ma ssibx valur probatorju – din bhala linea generali, **<u>pero (enfasi tal-Qorti)</u>** l-istess sentenzi jistabilixxu wkoll illi l-Qorti, qabel ma tiskarta l-istess stqarrija, mehuda legalment fi zmienha, ghandha tezamina wkoll kemm kien vulnerabbli l-persuna li kien qieghed jirrilaxxaha, meta ma kinx assistit. Ghalhekk il-Qorti talbet li tigi prezentata lilha fedina penali aggornata taz-zewg imputati. Harsa lejn it-tnejn saz-zmien li gie kommess ir-reat, fis-sena 2002, juri li t-tnejn kemm huma gia' kienu ccappsu mal-gustizzja. Kemm Spiteri kif ukoll Bugeja sas-sena 2002 kienu gia' kkommettew diversi reati li taghhom kienu nstabu hatja. Tqis ghalhekk illi ghandha, in vista' ta' dan, taghti l-piz probatorju kollu prova shiha l-istqarrija ta' kull imputat. L-Ispettur Carmelo Magri minn naha tieghu kkonferma li l-istqarrijiet kienu t-tnejn mehuda skont il-Ligi, cioe' li gew moghtija t-twissija skont il-Ligi.

Rat ukoll is-sentenza ezebita fil-konfront ta' Ludvig Bugeja, folio 37, koncernanti ksur tal-Kapitolu 152, Artikolu 10 (datata 16.05.2001), ghal 3 snin. Rat f'dan ir-rigward ix-xhieda tal-Ispettur Alfred Mallia, folio 131.

Rat ukoll ix-xhieda mressqa mid-Difiza ta' Bugeja, cioe' l-progress li hu ghamel fil-konfront ta' abbuz tad-droga, u l-imgieba tieghu gewwa CCF (vide Dok MZ folio 169).

Rat ukoll ix-xhieda tad-derubat Alexander Vella, li xehed illi gie misruq cheque book tal-Bank of Valletta, Lm50.00, Lm150.00 fi flus; hmistax-il flixkun alcohol ghall-ammont ta' Lm120.00; u Lm20.00 tips. Insteraqlu wkoll xorb ghall-ammont ta' Lm65.00 u stereo ghall-ammont ta' Lm120.00.

Bhala hsara, stante li l-bieb ta' barra gie sgassat, sofra l-ammont ta' Lm60.00.

Xehed ukoll illi hu sakkar ir-restaurant fis-2.15pm, u sab l-isgass fil-5.15pm.

Ikkunsidrat:

Illi tenut dan kollu premess, il-Qorti qieghda ssib htija fil-konfront taz-zewg akkuzati, wara li rat l-Artikoli 261, 263, 267,278, 279, u 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta (esklussiv l-aggravju tal-vjolenza li ma gix pruvat).

Issib ukoll htija fil-konfront taz-zewg imputati tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li rat is-sentenzi ezebiti;
Fil-konfront biss ta' Ludvig Bugeja, rat ukoll il-ksur tal-Artikolu 5 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk rat ukoll l-Artikolu 10 tal-imsemmi Kapitolu.

Ma ssibx htija fil-konfront tal-ksur tal-Kapitolu 152 fil-konfront ta' Anthony Spiteri, stante li s-sentenza msemmija fl-akkuza ma gitx ezebita.

Dwar il-piena, fil-konfront taz-zewg imputati, rat ukoll l-Artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkundannahom ghal piena karcerarja effettiva ta' sena kull wiehed, u dan wara li rat l-Artikolu 10 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta;
Rat ukoll l-Artikolu 276 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkundanna lil Ludvig Bugeja wahdu ghal piena karcerarja ta' 10 xhur.

Tikkundanna lil kull imputat individwalment is-somma kull wiehed ta’ €115.10, spejjez peritali, u dan wara li rat l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------